Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IT-TMIEN LEĠISLATURA
## Laqgħa Numru 27
## It-Tlieta 22 ta'Gunju 2021

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' online fil-5:30pm.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier (Harget 8:00 pm)
Emanuel Brincat : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

27.1.01 Il-Kunsilliera kollha kienu preżenti għas-seduta.

### 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

27.2.01 Il-minuti tas-Seduti L8-25 u L8-26 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

### 27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

27.3.01 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai poggiet fuq il-mejda korrispondenza 509:C:2021 dwar Sejhiet ghall-Progetti taħt il-Programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropea dwar (Citizenship, Equality, Rights and Values Programme - CERV), Hawn taght xi dettalji u spjegat li jekk il- Kunsill jkun interessat ghall dawn il-fondi għandu jissottometti l-applikazzjoni sas-26 t'Awwissu 2021. Fl-stess hin b'referenza ghall-minuti 26.5.13 gharfett lill Kunsilliera prezenti li se tikonsulta ma' rappreżentanti tal-Associazione Serviziocivile e sostegno disabili ta' Ragusa biex tara jekk il-kunsill jistax jaghmel xi haga ma dawn peress li ghandhom karatteristici u anke patrun komuni.

27.3.02 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai poggiet fuq il-mejda dettalji ghal skema biex isir ingaġġ ta' Uffiċċjal tal-Komunita "Steward"Għal Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Hawn spjegat li l-ghan ta'din l-inizzjattiva mill-Gvern hija biex tkompli jttejjeb it-trattament Xieraq tal-Annimali li jinsabu jgħixu fit-toroq billi se jkun qed jiffinanzja għaxar Uffiċċjali ghall-18 il-xahar ghas-sena 2021-22. Dawk il-kunsilli interessati jistghu japplikaw ghall-fondi skond il-kriterji tal-iskema.

27.3.03 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai poggiet fuq il-mejda cirkulari 5 ghall-Konsultazzjoni dwar Politika ghall-Gvern Lokali 2021 fejn gharfett lill kunsilliera prezenti li dan id-dokument ga ntbghat ghall-attenzjoni taghhom. Hawn spjegat li aktar il-quddiem se ssiru laqghat apposta fejn wiehed jista jippartecipa u jwassal is-sugerimenti tieghu.

27.3.04 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai poggiet fuq il-mejda Cir AKL 2021/046 fejn spjegat li din hija stedina sabiex Kunsilli jibbenifikaw mill-fond iffinanzjat mill- fondi Ewropej - Cross-KIC New European Bauhaus (NEB) Call: Capitalising on existing public realm solutions. Hawn gharfet lil kunsilliera prezenti li dan anki jista' jieħu parti mill-proġett Slow Streets u kompliet tispjega dwar il-kontenut tac-cirkulari.

27.3.05 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai poggiet fuq il-mejda Cir AKL 2021/046 fejn spjegat li l- Assocjazjoni kkonkludiet il-process ta' procurement dwar it-trazzin tal-hamiem salvagg fil-lokalitajiet. Għaldaqstant, issa nistennew sakemm jibda l-proċess ta' implimentazzjoni ghall-kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet. Hawn kompliet tispjega dwar il-kontenut tac-cirkulari.

27.3.06 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai poggiet fuq il-mejda Cir AKL 2021/050 - Equalcity Toolbox Creating safe(r) spaces for LGBTQI+ people with a migrant background - IOM Belgium Equalcity Toolbox Creating safe®spaces for LGBTQI + .Hawn kompliet tispjega dwar il-kontenut tac-cirkulari li tittratta dwar toolbox li ġiet żviluppata biex ssir użu minnha sabiex jjkun offrut servizz aħjar lill-persuni LGBTIQ+ speċjalment dawk li huma immigranti.

27.3.07 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai poggiet fuq il-mejda Cir AKL 2021/056 - dwar Allotment Gardening Proposal - Community Gardening fejn spjegat li din taghti informazzjoni fuq inizjattiva li ser ikunu qed iniedu Parks Malta flimkien mal-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli.

27.3.08 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai tkellmet dwar proġett li jħares lejn il-kwistjoni tal-integrazzjoni tal-immigranti mmexxi mill-Fakultà għall-Benesseri Soċjali u kkummissjonat mis-Segretarjat Parlamentari għaċ-Ċittadinanza u l-Komunitajiet. Hawn gharrfet lill kunsilliera prezenti li huma mistiedna jattendu ghall- focus group li se jsir permezz ta' Zoom.

27.3.09 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai gharfett lill kunsilliera prezenti li fil-gimghat li gejjin l- IM se jibdew bix-xoghol ta'rikostruzzjoni ta'Triq tal-Qroqq u Triq Mons Falzon fejn ga sarru tabelli ghall-traffic management temporanju sakemm idum ix-xoghol.

27.3.10 B'referenza għall-minuti 21.6.05 dwar 'tender KLMsd/03/2020 '' Supply and installation of lighting poles and lanterns in Misraħ San Guzepp'' is-Sindku Margaret Baldachino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li x-xoghol li kien hemm gie komplut. Filwaqt li l-kunsill qed jara mal-enemalta dwar xi problemi li hemm go Misrah 5 ta'Ottubru fejn il-Bandli

**27.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

27.4.01 B'referenza ghall minuti 25.2.05 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-bollards f'Triq Mons Dandria fejn jidher li hemm waħda nieqsa u x' aktarx qegħda għand kumpanija li hemm fl-istess triq.
Is-segretarju Eźekuttiv wiegeb li mar personali fuq il-post biex jicekja u jistaqsi dwar x'sar mill-bicca nieqsa fejn hadd ma jaf xejn.Ghalhekk se jinbidlu ma sett iehor li hemm il-kunsill li se jinzebghu b'kulur florescenti u jinghaqdu b'katina.

27.4.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda komunikazzjoni dwar l-Inizzjattiva tal-WIFI4EU u b'referenza ghall-minuti 26.3.03 taght aggornament fejn spjegat billi l-Kunsill ma bagħatx risposta, d-Diviżjoni ser tipproċedi hekk kif kien indikat fl-ewwel alternattiva fejn il-Kunsilli Lokali jkunu jista jgħażel  postijiet vijabbli fejn għandu jiġi nstallat is-servizz tal-WiFi pubbliku li jistghu jinqasmu kemm  fuq barra u fuq ġewwa skond kif jiddeċiedi l-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li ghalkemm huwa  ssuġġerit li l-apparat ikun fuq ġewwa biex il-fondi jkopru 15 il-installazzjonijiet ghax indoor access points huma irħas minn outdoor biss skond it-tabbella kif indikat fl-ewwel alternattiva,l-kunsill jista jaghmel sa 10  ghahekk b'referenza ghall-minuti 26.5.02 se jara jekk hux possibli  li dawn jiġu nstallati skond il-post fejn rridu ssiru ic-CCTV biex jintuzaw ghal dan l-iskop wkoll dejjem jekk ir-range tkun tajba.

27.4.03 B'referenza ghall-minuti 26.3.06 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk ix-xoghol ta 'emergenza  li sar fuq is-sistema ta'drenagg mill-WSC huwiex temporanju.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li ghad irrid issir xoghol iehor fis-sistema izda fejn sa issa sar jidher li inbidel kollox.

27.4.04 B'referenza għall-minuti 26.3.08, Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li sa data stabilita ma'waslux osservazjonijiet dwar id-draft preparat mill-AKL ghall- Reverse vending machines

27.4.05 B'referenza ghall-minuti 26.3.09 dwar ittra relatata mal-Avviż Legali 146 tal-2021, is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li l-Kunsilli Lokali kien mitlub sabiex jipprovdu lista ta' Recycling Points (Bring in Sites) lill-Awtorita' ghall-Ambjent u Riżorsi fi żmien erba' ġimgħat min-notifika tal-ittra. L-Awtorita' għall-Ambjent u Riżorsi reghghet baghtet email fejn qed titlob lill-Kunsilli Lokali li għadhom ma wieġbux għal din it-talba sabiex jipprovdu dan fiż-żmien stipulat.

27.4.06 B'referenza għall-minuti 24.4.03 dwar il-proġett tal-Flyover,Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm zviluppi

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li sa fejn huwa nfurmat dan għadu fil-proċess ta'screening.

27.4.07 B'referenza għall-minuti 26.4.04, dwar l-aċċess għal Triq San Andrija, is-Sur Emanuel Brincat propona biex din tkun implimentata qabel terga tibda l-iskola.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li nridu naghmlu laqgha fuq il-post  maz-zewgt persuni li qed jghidu li ghandhom problema bit-truck.

27.4.08 B'referenza għal-minuti 26.4.08 , is-Sur Alfred Farrugia staqsa dwar f'hiex wasal id-dawl go Triq L.Zamenhof.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif spjega f'seduta precedenti qed jara kif dawn jistghu ssiru f'waħda mill- kantunieri skond fejn jkun l-aħjar li ssir applikazzjoni għall-bozza ġdida.

27.4.09 B'referenza għal-minuti 26.4.10, is-Sur Emanuel Brincat staqsa jekk kienx hemm risposta dwar rottot ta' transport pubbliku u jekk le propona biex jintbghat reminder.

27.4.10 B'referenza għal-minuti 26.5.02,is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li saret evalwazzjoni ghall-applikazjoni li ghamel il-kunsill biex ssir installazzjoni ta' kameras mill-fondi LESA għall-Proġetti fil-Komunità fejn gew approvati €16,000.

27.4.11 B'referenza ghall-minuti 26.5.06 is-segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezent li l-Kunsill applika mal-AKL ghall-Group Life Policy u qed nistennew minn ghandhom.

27.4.12 B'referenza ghall-minuti 26.5.09, is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li kien sar il-permess tal-big screen għal-perjodu tal-Euro cup bejn Ġunju u Lulju skond ir-regolamenti tas- saħħa flimkien mal-kundizzjonijiet li tista' tagħmel il-pulizija. Izda dan ma giex mgedded wara li harget cirkulari AKL 2021/051 biex ma jinhargux permessi ghall dan l-iskop. Fl-stess hin il-Kunsill gharraf lill pulizija b'dan filwaqt li sar rapport li kien hemm wkoll stabiliment li minbarra li rama l-screen minghajr il- permessi mehtiega tal-kunsill hareg wkoll l-imwejjed u siggijiet. Dan il-kaz qieghed f'idejn l-MTA li hija l-awtorita li tohrog dawn it-tip ta'permessi.

27.4.13 B'referenza ghall-minuti 26.5.10. is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li l-kunsill hareg il-permess biex ssiru żewġt attivitajiet f'Ġunju u Lulju għal carwash go Misraħ 5 ta' Ottubru bil-kundizzjonijiet tal-pulizija.

27.4.14 B'referenza ghall-minuti 26.5.11, is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li l-permess ghall-Club tal-Boċċi biex ssir it-tombla tas-sajf go Misraħ 5 ta' Ottubru ghadu ma'harigx minhabba li ghad ma hemmx tibdil fir-restrizjonijiet.

27.4.15 B'referenza ghall-minuti 26.5.12, is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar Triq it-Torri u ssugerixxa li tintbghat ittra lir-residenti dwar tibdil fl-isem ta'triq.

27.4.16 B'referenza għal-minuti 26.5.14 dwar l-istimi biex ssir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankini ta' Triq Esperanto, is-Sur Emanuel Brincat gharraf lill kunsilliera prezenti li wara li saret laqgha fuq il-post mal-perit u il-kuntrattur fil-presenza tas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv kien hemm xi partijiet li huma tant fi stat ħażin li ghandhom bzonn xoghol aktar milll mistenni ghalhekk intalbet stima gdida biex tkopri din il-varjazjoni fix-xogholijiet.

27.4.17 B'referenza għall-minuti 23.5.13, Is-Sur Charles Selvaggi staqsa ghala waqaf ix-xoghol go Triq it-Torri.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li l-kuntrattur ta' I.M ma'jistax ikompli qabel mal-kuntrattur tal-WSC ilesti xoghol fis-sistema ghad-drenagg.

**27.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

27.5.01 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai poggiet fuq il-mejda Cir AKL 2021/057 'Temporary and reversible permit whereby catering establishments will be allowed to use adjacent public space as an Outdoor Catering Area'. Hawn spjegat li minhabba l-miżuri sabiex tinżamm id-distanza soċjali anki fi stabbilimenti tal-ikel, MTA laqgħet il-proposti kif kienu sottomessi mill-AKL ta' kif wieħed għandu joħroġ permessi temporanji għall-użu ta' outdoor areas minn stabbilimenti tal-ikel sal-ahhar ta'Settembru 2021. Ghalhekk ġie imfassal MoU biex jekk il-Kunsilli jkun nteressat jiddelega lill-AKL biex titratta dan il-ftehim.

Il-Kunsilliera prezenti disskutew u fid-dawl tac-cirkostanzi kif inhuma qablu li ssir l-MOU.

27.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li waqt il-festa se jkun hemm xi loghob tan-nar ghalhekk minħabba kif l-Imsida hi maqsuma u mimlija bini, bħal kull sena il-kunsill se jiehu ħsieb b'kordinazzjoni mal-Protezzjoni Ċivili biex jilqa' għall xi aċċidenti għalhekk pproponiet li għal lejliet u jum tal-festa biss jinġabu fire engine.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

27.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-Ghaqda Melita Banda San Guzepp, kitbet lill Kunsill biex tkun tista taghmel progett u tibbenifika minn fondi ghall-izvilupp tal-PA skont il-kriterji stabiliti.
il-Kunsilliera prezenti disskutew u qablu li dawn ghandhom fi zmien opportun jaghmlu laqgha mal-kunsill u jimxu skond li jkun hemm.

27.5.04 Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li saret sejha ghall-opperaturi ta'skemi awtorizati u pogga fuq il-mejda proposta wahda li dahlet ghall-gbir tal-iskart ghar- riciklagg. Hawn kompla jispjega li l-proposta tinkludi dawk l-affarijiet li ga huma fl-operat kurrenti flimkien ma' gurnata ta' kollezjoni addizzjonali fil-gimgha.
Is-sur Maurice Agius ippropona il-ftehim ssekondat mis-Sur Alfred Farrugia, il-Kunsilliera prezenti disskutew u approvaw unnanimament.

27.5.05 Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li hemm mal-20 metru kwadru mit-tapit tal-Bandli f'Misrah 5 ta'Ottubru li ghandu bzonn jinbidel ghax huwa perikoluz ghalhekk talab ghall stimi biex dan ssir fejn dahlet wahda li tammonta ghall- €1711 inkluza l-VAT
Il-Kunsilliera prezenti disskutew u qablu unnanimament li dawn issiru.

27.5.06 Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li hemm bzonn jinbidel ic--CCTV recorder li ma jistax jissewwa ghalhekk talab ghall stima. Hawn kompla jispjega li dak li kien hemm kien jiehu 4 channels izda jkun opportun li dan jizdied ghall 8 (€270) jew 16 (€610), ma dawn hemm €90 labour costs u minghajr VAT.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu unanimament biex ssir wiehed 8 channel.

27.5.07 Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li kkonsulta ma' TM dwar problema ta' parkegg abbuziv quddiem drive in go Triq D.Famucelli fejn gie propost biex flok bollards il-kunsill jikkonsidra japplika ghall-estensjoni zghira l-barra mill-bankina.
il-Kunsilliera prezenti disskutew u qablu unanimament biex ssir l-applikazzjoni kif propost.

27.5.08 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda talba ghall-danni f'tyre wara incident li sar go Triq C.De.Brocktorff. Hawn ta'dettalji u spjega fejn sar ezatt l-accident.
Il-Kunsilliera prezenti ddisskutew u qablu unanimament biex ssir riffusjoni ta' €40.

27.5.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poggiet fuq il-mejda ittra u għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar rakomandazzjoni biex il-kunsill jikkunsidra xi forma ta'apprezament lill persuna mill-lokalita li kienet rapprezentat lill Malta fil-loghob olimpiku.
Il-Kunsilliera prezenti ddisskutew li fil-lokalita' hemm bosta residenti li kienu fil-qasam sportiv. Ghalhekk jista jkun li l-quddiem ikun hemm okkazjonijiet sportivi fejn dawn jkunu kkunsidrati ghall rikonoxximent

27.5.10 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar hsara li hemm go bus shelter fis-Swatar biex tigi rappurtata.
Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota.

27.5.11 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar talba minn kumpanija ghall go Triq C DeBrocdorf
Il-Kunsilliera prezenti staqsew dwar il-hinijiet li hemm bzonn ghall Loading & Unloading u imbaghad terga tkun diskussa.

27.5.12 Is-Sinjura Romina Galea tkellmet dwar il-kongestjoni li qed jkun hemm fejn il-Junior college waqt il-hin tal-ezamijiet u staqsiet jekk jistghux imorru ufficjali biex jikontrollaw.
Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota.

27.5.13 B'referenza għall-minuti 26.4.05, is-Sur Jean Claude Borg għarraf lil kunsilliera preżenti dwar il-progress ta' l-ewwel sett ta' bradelli ghall-vari. Fl'istess hin b'referenza ghall-minuti 23.4.02 tkellem wkoll dwar il-pedestal.

27.5.14 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-bollards li kellhom ssiru mas-Central strip hdejn l-Universita go Triq Mons Carmelo Zammit.

Is-Segretarju Ezekuttiv ha'nota.

27.5.15 B'referenza għall-minuti 23.4.15, is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-mutur żarmat u abbandunat go Triq L-Zamenhof u talab biex jitnehha.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan gie rappurtat ma' lista shiha lill TM biex jigbruh izda ma jistax jqabad lill haddiema tal-kunsill biex jaghmlu dan.

27.5.16 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-kriterji u regolamenti ghall-reserved parking fejn TM mhux qed taghmel sew meta tghid li xi whud li dawn rridu jkunu tal-inqas 50 metru distantza minn xulxin u mbaghad ssib lill min jaghmluha ma' xulxin.
Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota.

27.5.17 Is-Sur Nicholas J Chircopp tkellem dwar proposta biex jekk id-direttivi tas-sahha jippermettu ssiru sessjonijiet ta' Zumba b'xejn ghan-nies kull nhar ta' Erbgha fil-pjazza. Dawn jigu jiswew 30euro kull sessjoni ghal siegha bejn 19:00 u 20:00
il-Kunsilliera prezenti disskutew u qablu unnanimament.

27.5.18 Is-Sur Nicholas J Chircopp tkellem dwar possibilita' biex ssir programm ta'sport differenti ghat-tfal fil-pjazza.
Is-Sur Jean Claude Borg prropona biex ssir kostum tal-karattru Msidu biex jintuza f'attivitajiet simili halli tinholoq atmosfera.
Il-Kunsilliera prezenti ddisskutew u qablu unanimament.

27.5.19 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai gharrfet lill Kunsilliera prezenti li filwaqt li il-kunsill qed ifittex fregatina zghira biex tintuza gol gnejna ta' Triq Kalcidon Schembri kien hemm persuna li offriet Luzzu ta' 26 pied li jista jitpogga bhala attrazjoni gol-parti fil-gnien ta' Misrah San Guzepp hdejn id-dog park.

Il-Kunsilliera prezenti gew murija r-ritratti tal-luzzu imbaghad idisskutew u qablu unanimament.

27.5.20 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar Jum l-Imsida li se jkun nhar il-Ġimgħa 9 ta'Lulju fejn spjegat li ghall darba ohra minħabba c-ċirkustanzi ta' Covid 19 mhux se jkun opportun li jsiru attivitajiet relatati ghalhekk qed tipproponi li ghall din l-okkazjoni johrog ghall-pubbliku il-ktieb Ghall Ghonq it-Triq u jinghata rikonoximent lil tlieta minn nies li kkontribew ghall-publikazjoni tieghu.

Is-Sur Jean Claude Borg propona wkoll lill kumpanija li baghtet haddiema taghha biex jassistu lill kunsill fix-xoghol ta' tindif bejn Marzu u Lulju 2019.
Il-Kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament li għandu jiġi ppreżentat token bħala apprezzament waqt ċerimonja ġewwa il-Kunsill nhar Jum l-Imsida.

27.5.21 B'referenza għall-minuti 26.5.21 dwar l-emendi għal Bye Law tal-Iskall il-Kunsill kien propost li minhabba il-hin, id-diskussjoni tarġa tkun posposta għall seduta oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv ha nota imbghad talab lill kunsilliera biex din ssir mas-seduta li jmiss ghax ga tmexxiet bosta drabi.
Il-Kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament

27.5.22 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda l-item li jmiss. B'referenza ghall mimuti 26.5.22 Is-segretarju Ezekuttiv gharraf Is-Sinjura Judy Sciberras li dan jitratta l-istess suggett li ddikjarat konflitt ta' interess u ghalhekk talbet biex tohrog mis-seduta.
Is-Sur Charles Selvaggi talab biex jitkellem bhala minority leader f'isem il-membri tal-group nazzjonalista bhal issa prezenti ghas-seduta u qed jitlob biex tinzel fil-minuti li huma bil-quddiem qed jidikjaraw li jaqblu ma' kull decizjoni li se jiehu il-kunsill u fuq parir tal-avukat.
Is-Segretarju Eżekuttiv ha nota u kompla billi gharraf lill kunsilliera prezenti li Sinjura J Sciberras permezz tal-avukat baghtet ittra legali fejn qed titlob lill kunsill jirevoka d-decizjoni tieghu u fi zmien gimgha jhallas it-talba totali għal ħsara li sofriet fiż-żewġ inċidenti separati li tammonta għal €1,131.67.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li din giet mghodija għand ir-rappreżentant legali tal-kunsill ghall-parir u fl-istess hin lesta draft ghar-risposta li se tinqara waqt is-seduta ghad-diskussjoni u l-approvazjoni tal-Kunsill.
Wara li l- kontenut tad-draft gie moqri, il-kunsilliera prezenti ddiskuttew u approvaw unanimament ir-risposta legali ghall- avukat tas-Sinjura J Sciberras.

**27.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

Ma kienx hemm rapporti.

**27.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

27.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-27 ta' ħlasijiet bejn l-26 ta' Mejju sal- 22 ta'Gunju 2021 għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Charles Selvaggi u s-sekondat mis-Sur Nicholas J Chircop.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**27.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

27.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:15 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 27 ta'Lulju 2021.

Minuti konfermati, illum 27 ta'Lulju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |